**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur John Spiteri]**

**[Spettur Leeroy Balzan Engerer]**

**vs**

**Lionel Roger Serge Seux**

**Kumpilazzjoni Numru:** 614/2021

**Illum, 20 ta' Novembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Lionel Roger Serge Seux detentur tal-karta tal-identità Franciza bin-numru** 180960152950 akkuzat talli:

1. F'xi hin bejn il-01:00hrs u 02:00hrs fil-lejl tal-20 ta' Settembru, 2021 fl-istabbiliment bl-isem ta' Footloose Bar, Triq San Gorg, San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens ta' -Omissis- ID: -Omissis-, liema att ma jikkostitwixxix wiehed mid-delitti kkunsmati jew attentati, imsemmi fl-artikoli 198 sa l-artikoli 206 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll sar fuq persuna minuri.

   *Art 207, Art 202(g) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil -Omissis- ID: -Omissis- kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna.

   *Art. 86 u Art 87(g) ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta*

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' l-allegat vittma u l-familjari taghhom.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, fik provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' April, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 207 u 202(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 86 u 87(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat il-verbal tad-difiza datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2023 li bih l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u fejn ikkonferma din l-ammissjoni fis-seduta ta' wara u cioè dik tas-sitta (6) ta' Novembru 2023 wara li l-Qorti fehmitu l-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni u tal-pieni applikabbli ghal tali reati.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat ghar-reat taht l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:

*"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin:*

*Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

L-imputat huwa wkoll akkuzat talli zamm lill-imsemmija minuri kontra l-volontà taghha u dan bir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 86 u 87(g) li jistipulaw is-segwenti:

*"86. Kull min, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Izda, il-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

*87(1) Il-piena tad-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, tkun ta' prigunerija minn tlettax (13)-il xahar sa sitt (6) snin fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*

*. . . .*

*(g) jekk id-delitt ikun sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna; . . . ".*

Illi ghalhekk il-piena li ser tinghata ser tkun riflessa fuq il-pieni stabbiliti fl-Artikoli hawn fuq citati, fuq il-gravità tar-reati addebitati lill-imputat, fuq il-fatt illi huwa ma ammettiex ghall-akkuzi kif dedotti kontrih mill-ewwel izda peress illi ammetta fi stadju ulterjuri ser jimmitiga l-piena milli tinghata lejn il-massimu.

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 207, 202(g), 86, 87(g) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-**

imputat Lionel Roger Serge Seux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, tikkundannah piena ta' hames (5) snin u erba' (4) xhur prigunerija effettivi.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat ghall-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal hamest elef u erbgha u tmenin ewro u sitta u sittin centezmu (€5,084.66).

Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.

---------------------------------------
Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.
Magistrat

Benjamina Mifsud
Deputat Registratur